MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Rikors Numru. 891/2005

**Visa Investments Ltd**

**vs**

**Blye Engineering Co Ltd**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-socjeta Visa Investments Ltd fejn gie premess :

Illi is-socjeta konvenuta Byle Engineering Co Ltd talbet w ottjeniet l-ispedizzjoni ta’ mandat ta’ sekwestru (Numru:1359/05) kontra is-socjeta attrici esponeneti ghall-ammont ta’ sitta u hamsin elf u erbghin lira maltin

(Lm56400) kopja ta’ liema mandat ta’ sekwestru tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument “A”;

Illi dan il-mandat ta’ sekwestru intalab fuq l-iskorta ta’ kawza li tghid li l-ammont jikkostitwixxi “danni principalment konsistenti fit-telf ta’ uzu ta’ flus min-naha tas-socjeta sekwestranda b’kawza diretta ta’ mandati ta’ sekwestru numri 3242/2000 u 1126/2005 mahruga kontriha bl-aktar mod frivolu u vessatorju mis-socjeta sekwestrata, li biex jitnehha l-effett taghhom is-socjeta sekwestranda kellha taghmel garanzija bankarja ghall-hrug ta’ kontro-mandati relattivi fis-somma komplessiva ta’ Lm86000 (Lm40000 + Lm46000) liema pretensjoni ghad-danni tifforma l-mertu ta’ kontro-talba fil-kawza fl-ismijiet inverse citazzjoni numru 1589/00 GC li tinsab pendenti quddiem din l-Onorabli Qorti u differita ghas-17 ta’ Jannar, 2006;

Illi l-ammont indikat u mitlub fis-sekwestru bhala li jikkostitwixxi danni ma huwiex *prima facie* gustifikat u dan ghar-ragunijiet segwenti:

fl-ewwel lok il-mandat ta’ sekwestru numru 1359/2005 ghandu l-kawzali tieghu marbuta ma’ dik il-parti tal-kontro-taba tas-socjeta konvenuta li tirrigwarda danni u penali allegatament naxxenti mill-mandati ottenuti mis-socjeta attrici. Tali kawzali, kif diga jinsab eccepit fin-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta attrici ghall-kontro-talba tas-socjeta konvenuta, hija irrita u nulla, in kwantu l-kontro-talba fir-rigward ta' dawn l-istess allegati danni u penali ma tissoddisfax ir-rekwiziti ta' l-artikolu 396 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili fis-sens illi hija assolutament mankanti l-konnessjoni bejn il-kawza proposta mis-socjeta attrici dwar deficenzi is-sistema ta’ arja kundizzjonata u d-danni li segwew tali deficenzi u t-talba ghall-allegati danni u penali naxxenti mill-hrug tal-mandat ta’ sekwestru. Inoltre huma mandanti dritt ta’

tpacija jew l-esistenza ta' xi fattur li jgib fix-xejn l-azzjoni tas-socjeta attrici jew jimpedixxi l-efetti taghha kif dispost ukoll fl-imsemmi artikolu 396 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

Il-kundanna ghal danni u penali kontra dak li jkun talab u ottjena l-hrug ta' mandat hija regolata mis-subartikoli 8 u 9 tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li jipprovdu testwalment kif gej:

*" (8) Il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn hames mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f' kull kaz minn dawn li gejjin:*

*jekk ir-rikorrent ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-ligi;*
*jekk, fuq it-talba tal-konvenut ghat-tnehhija ta' l-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug ta' l-att kawtelatorju, huwa jkun b' xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta bizzejjed:*

*Izda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat;*

*jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubbju ragonevoloi dwar il-likwidita' tieghu u dwar il-kapacita finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrenti, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew;*

*jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b' malizzja tkun frivola vessatorja*

*(9) Fil-kazijiet li jaqghu taht is-subartikolu ta' qabel dan, il-qorti tista', meta ssirilha citazzjoni mill-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-*

*rikorrent li fuq talba tieghu jkun inhareg il-mandat kawtelatorju sabiex ihallas dawk id-danni li dik il-persuna li hija setghet garrbet bil-hrug tal-mandat, u f' kawzi bhal dawk il-qorti ghandha tara u tuza l-iskritturi tal-procedimenti ta' l-att kawtelatorju u ta' kull procediment iehor li jiohrog jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi ghandhom jitqiesu bhala prova ammissibbli ghall-finijiet ta' din l-azzjoni."*

Il-kliem li jinsabu sottolinejati ("*ghall-finijiet ta' din l-azzjoni"*) juru bir-car li l-penali u danni jridu tabilfors jintalbu b'azzjoni separata u mhux permezz ta' kontro-talba. Ir-raguni ghal dan hija pjuttost cara u ovvja. Qabel ma jispiccaw il-proceduri li jkunu qeghdin isostnu l-mandat, ma jistax jigi stabbilit jekk minn ottjena l-mandat ghandux jigi kkundannat ghad-danni u penali. Inoltre is-socjeta konvenuta qatt ma talbet u ma hijiex qieghda titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru skond il-procedura stabbilita mil-ligi, izda minflok qabdet u ddepozitat garanzija bankarja u talbet il-hrug tal-kontro-talba fuq l-iskorta ta' l-istess garanzija bankarja depozitata;.

Lanqas tezisti xi wahda mir-ragunijiet imsemmija f' sub-artikolu 8 tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili – *fuq bazi prima facie* – li tista' tiggustifika l-kundanna ghall-penali u d-danni. Huwa proprju ghalhekk li l-ligi trid li l-indagini dwar penali u danni ssir bi procediment separat;

Illi ghandu jigi rilevat ukoll li fil-hmistax il-jum qabel inhareg il-mandat, is-socjeta attrici esponenti qatt ma ntalbet thallas l-ammont pretiz mis-socjeta konvenuta f'dan il-mandat, kif jitlob paragrafu (b) tas-subartikolu 8 tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;

Ghalhekk is-socjeta rikorrenti talbet li dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi joghgoha (1) ghat-tenur ta' dak provdut f'sub-paragrafu (d) ta' subartikolu (1) tal-Artikolu

836 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili – Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta - tirrevoka l-mandat ta' sekwestru numru 1359/05 fl-ismijiet *"Byle Engineering Co Ltd versus Visa Investments Ltd"* pprezentat u mahrug fl-1 ta' Settembru 2005 u dan taht il-kundizzjonijiet li l-istess Qorti tqis xierqa u (2) tikkundannha lis-socjeta sekwestrata Byle Engineering Co Ltd sabiex thallas penali ta' mhux anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500) u mhux izjed minn tlett elef lira maltin (Lm3000) skond id-dispozizzjonijiet ta' sub-paragrafi (a), (b) u (d) ta' sub-artikolu 8 tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili – Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

B' rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta esponenti skond il-ligi u bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tas-socjeta Blye Engineering Companby Ltd fejn gie sottomess:-

1. Illi bir-rikors fuq riferit Visa Investments Ltd qed titlob ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 1359/05, ghat-tenur ta' dak provdut f' sub paragrafu (d) ta' sub-artikolu (1) tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, ghax qed tallega li l-hrug tieghu m' huwiex *prima facie* gustifikat, kif ukoll il-kundanna tal-esponenti ghall-hlas tal-penali. Biex issostni t-talbiet taghha hija taghmel argumenti li l-esponeneti ser tirrispondi ghalihom fl-ordni kif elenkati fir-rikors: -

(a) Kawzali tas-Sekwestru Irrita u Nulla: -

L-argument tar-rikorrenti taht dan il-kap, kif tistqarr l-istess rikorrenti, "diga' jinsab eccepit fin-Nota tal-Eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghall-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta" u ghalhekk ghandu jigi deciz fil-kuntest tal-kawza pendenti bejn il-partijiet u mhux fil-kuntest ta' rikors ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju fejn, *ex lege*, l-ezami jsir biss fuq bazi *prima facie*. Fi kwalunkwe kas, bla pregudizzju ghal din is-sottomissjoni, l-esponenti tirrispondi li s-sekwestri mahruga mir-rikorrenti huma t-

tnejn konnessi mal-meritu tal-kawza (i.e. “gejja mill-istess fatt”) pendenti bejn il-kontendenti (citazz 1859/00/GC) u ghalhekk id-danni li dawn ikkawzaw lill-esponeneti huma wkoll konnessi mal-istess meritu u jaghtu d-dritt lil min sofrihom li, flok b’ citazzjoni separata, juza l-mezz legali tal-kontro-talba. Infatti, mill-provi f’dik il-kawza ser jirrizulta bic-car li t-talbiet attrici, u konsegwentement il-mandati relattivi, kienu ghal kollox ingustifikati u eccessi u li kollox sar b’animu malizzjus, frivolu u vessatorju biex jaghmel hsara kbira finanzjarja lill-esponenti. Dan johrog mill-fatt li, minhabba l-mod kif inhargu s-sekwestri (kif ser jigi spjegat aktar l’ fuq), l-esponeneti kienet kostretta tohrog b’urgenza garanziji bankarji fl-ammont totali ta’ Lm86,000. Din is-somma harget minn “overdraft” li sar biex l-esponeneti tmexxi ahjar u tavanza n-negozju u mhux biex tilqa’ ghall-pretenzjonijiet abusivi u vessatorji tar-rikorrenti;

(b), (c) u (d) Danni u Penali jridu jintalbu b’citazzjoni f’azzjoni separata u mhux permezz ta’ kontro-talba.

Dan l-argument tar-rikorrenti huwa wkoll infondat legalment ghaliex fis-subartikolu (3) tal-artikolu 398 tal-Kap 12 jinghad testwalment li “kontro-talba maghmula f’nota tal-eccezzjonijiet tkun tiswa daqs prezentata ta’ citazzjoni dwar dik it-talba. Infatti, il-prattika kostanti fil-qrati taghna dejjem kienet li jekk il-meritu tal-kontro-talba jissodisfa r-rekwisiti tal-artikolu 396 ghal dak li hi konnessjoni mat-talba attrici (li kif intqal qabel tesisti f’dan il-kas), allura, bhal fil-kas tas-sejha fil-kawza u l-konnessjoni ta’ kawzi, ir-rikonvenzjoni tista’, anzi ghandha, tintuza biex tevita l-multiplicita’ ta’ kawzi, li jistghu jigu quddiem gudikanti differenti;.

Ir-rikorrenti sahansitra ppruvat taghmel argument mill-fatt li l-esponeneti “qatt ma talbet u ma hijiex qieghda titlob ir-revoka tal-mandat ta’ sekwestru skond il-procedura stabbilita mill-ligi, izda minflok qabdet u ddepositat garanzija bankarja u talbet il-hrug tal-kontro-mandat fuq l-

iskorta ta’ l-istess garanzija bankarja depositata.” Qabel xejn, l-esponeneti tirrileva li fil-kas taz-zewg sekwestri kellha bilfors tipprocedi b’urgenza biex tnehhi l-effett taghhom. Dan kellu jsir ghaliex fost is-sekwestratarji gie nklus kull darba l-Kontrollur tad-Dwana proprju ghaliex ir-rikorrenti kienet taf li l-esponeneti ta’ spiss timporta u tesporta bil-“container” u dan juri l-animu malizzjus u vessatorju wara l-istess mandati. Infatti, ir-rikorrenti kienet taf, u l-istess garanziji bankarji mahruga b’tant speditezza fis-somma komplessiva ta’ Lm86000 jippruvaw, li l-esponeneti altru li tinsab f’qaghda finanzjaraja soda. Dan jinkwadra ruhu f’dak li titlob il-ligi (art 836 (8) (c) tal-Kap 12) sabiex is-sekwestrat ikun intitolat jitlob ir-revoka tas-sekewstru u l-hlas tal-penali, i.e. “jekk ic-cirkustanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita’ tieghu u dwar il-kapacita’ finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew”. Fi kwalunkwe kas, l-esponeneti dejjem ghandha d-dritt li tipprocedi ghar-revoka tal-imsemmija sekwestri u ghall-hlas tal-penali ai termini tas-subartikolu (7) tal-istess artikolu 836;

Dwar dak sottomess fil-paragrafu penultimu tar-rikors li l-esponeneti naqset, ai termini tal-art 836(8)(b), li fil-hmistax il-jum qabel inhareg il-mandat titob lir-rikorrenti sekwestrata “thallas l-ammont pretiz mis-socjeta’ konvenuta f’ dan il-mandat”. L-esponeneti tirrispondi li l-ligi f’ dak is-subartikolu tuza l-kliem “b’xi mod talab” u huwa ovvju li meta l-esponeneti hareget is-sekwestru wara hames snin li ilha pendenti kawa bejn l-istess kontendenti li fiha proprju ghamlet kontro-talba dwar il-meritu issa kawtelat, dan zgur jissodisfa dak li tesigi l-ligi;

Fl-ahharnett, l-esponenti tirrileva li hi kienet kostretta tohrog is-sekwestru in kwistjoni biex tikkawtela l-pretensjoni taghha ghad-danni (li fil-mori tal-kawza, bil-hrug tat-tieni sekwestru tar-rikorrenti, irduppjaw minndak riferit originarjament fil-kontro-talba). Infatti, kif jidher mill-ittri tal-banek hawn esibiti (Dok A1 sa A4), is-socjeta rikorrenti m’ ghandha ebda fondi f’ banek u jekk fadlilha proprjeta’ immobbiljari din hi kollha soggetta ghal djun kbar ma’ terzi fosthom il-banek. Din is-sitwazzjoni prekarja

geghlet lill-esponeneti tikkawtela l-posizzjoni taghha mill-ahjar li tista’ fic-cirkostanzi;

Ghalhekk is-socjeta intimata talbet li, ghar-ragunijiet kollha fuq esposti, din il-Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjes;

Rat l-atti l-ohra kollha tar0rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partiiet;

Rat li r-rikors gie differit sabiex jinghata l-provediment finali;

Ikkonsidrat:

Fir-rikors promotur taghha s-socjeta Visa Investments Ltd ghamlet referenza ghal mandat ta’ sewestru (numru 1359/05) li gie ottjenut kontra taghha mis-socjeta intimata Blye Engineering Co Ltd ghall-ammont ta’ sitta u hamsin elf u erbghin lira maltin (Lm56040). L-imsemmi mandat gie ottjenut in konnessjoni ma kawza li tispecifika li l-imsemmi ammont jikkostitwixxi danni konsistenti fit-telf ta’ uzu ta’ flus in konsegwenza ta’ mandati ta’ sekwestru (numri 3242/2000 u 1126/2005) ottjenuti kontra taghha mill-imsemmija socjeta u sabiex jitnehhew l-effetti tal-imsemmija mandati is-socjeta rikorrenti kellha taghmel garanzija bankarja fis-somma komplessiva ta’ Lm86000. Din il-pretensjoni ghad-danni hi l-mertu ta’ kontro-talba f’kawza fl-ismijiet inversi (citazzjoni numru 1589/00 GC);

Skond is-socjeta rikorrenti l-ammont indikat fis-sekwestru bhala danni mhux *prima facie* gustifikat. Fl-ewwel lok il-mandat ta’ sekwestru ghandu l-kawzali marbuta mal-kontro-talba imsemmija u li tirrigwarda danni u penali allegatament naxxenti mill-mandati ottenuti mis-socjeta attrici. Tali kawzali, kif diga jinsab eccepit fl-imsemmija kawza, hi irrita u nulla. Il-kontro-talba ma tissoddisfax ir-rekwiziti ta' l-artikolu 396 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili. Din il-pretensjoni tas-socjeta rikorrenti zgur li ma ghandiex tigi deciza f’dawn il-proceduri izda fil-

proceduri fejn saret l-istess kontro-talba. Din il-kwestjoni essenzjalment tirrigwarda l-meritu tal-kontro-talbva;

Is-socjeta rikorrenti tkompli tissottometti li l-kundanna ghal hlas ta’ danni u penali bhal din in kwestjoni hi regolata mis-subartikoli 8 u 9 tal-Artikolu 836 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili. Skond is-socjeta rikorrenti dawn l-artikoli jipprovdu li talba bhal din il-kwestjoni trid issir b’azzjoni separata u mhux permezz ta’ kontro-talba. Din is-sottomissjoni pero’ ma tista qatt tigi milqugha peress li hu assodat li fl-ordini guridiku tghana l-kntro-talba hi ekwivalenti ghal talba mghamula f’att separat. (Vide s-subartikolu (3) tal-artikolu 398 tal-Kap 12). Ma jirrizulta xejn irregolari jew kontra l-ligi li t-talba in kwestjoni saret b’kontro-talba u mhux b’att separat;

Ma jirrizultax suficjentement li s-socjeta intimata naqset, ai termini tal-art 836(8)(b), li fil-hmistax il-jum qabel inhareg il-mandat titob lir-rikorrenti sekwestrata sabiex thallas l-ammont pretiz fil-mandat in kwestjoni;

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha t-talbiet tas-socjeta rikorrenti ghandhom jigu rigettati filwaqt li s-sottomissjonijiet tas-socjeta intimata ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti;

Spejjez kontra l-istess socjeta rikorrenti. .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------